MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-12 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 74/2012

**Il-Perit Saviour Micallef flimkien ma' martu Francesca Micallef ghal kull interess li jista' jkollha**

**vs**

**Anthony Caruana**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li jaqra hekk:

(1) Illi permezz ta' skrittura tat-tletin (30) ta' April elfejn u disgha (2009), l-intimat ikkostitwixxa lilu nnifsu cert u likwidu debitur fil-konfront tal-esponenti fl-ammont ta' sittax-il elf tliet mija u sitt euro (€16,306);

(2) Illi fit-termini ta' dik l-iskrittura, dan id-debitu kellu jithallas 'bil-konsenja ta' materjal u xoghlijiet ta' njam u kostruzzjoni skont l-istruzzjonijiet tal-kredituri minn zmien

ghal zmien, u din il-konsenja trid issir sa mhux iktar tard minn sentejn [mid-data tal-iskrittura]';

(3) Illi l-esponenti ripetutament ta struzzjonijiet lill-intimat sabiex dan jikkonsenja l-injam u jwettaq ix-xoghlijiet, gewwa Ghawdex, fejn l-esponenti kellu bzonn tali konsenja u tali xoghlijiet;

(4) Illi l-intimat baqa' inadempjenti billi fl-ewwel lok ma kienx jirrispondi ghat-tentattivi tal-esponenti sabiex jikkomunika mieghu u jaghtih struzzjonijiet dwar xoghlijiet u konsenji li riedu jsiru; imbaghad beda jallega li l-materjal li xtaq li jigi kkonsenjat lilu l-esponenti ma kienx disponibbli, imbaghad ikkwota prezzijiet esagerati u sahansitra inkonsistenti ma' xulxin, fi stadju sussegwenti beda jirrifjuta li jattendi ghal-laqgha sabiex jispjega dawn l-inkonsistenti u imbaghad, meta intalab, permezz ta' ittra ufficjali tas-sebgha (7) ta' Marzu 2012, sabiex jikkonforma ruhu mal-obbligi kuntrattwali tieghu, injora dik l-ittra kompletament;

(5) Illi fid-dawl tal-premess, l-esponenti jhoss li l-intimat iddekada mill-fakulta' moghtija lilu li jhallas id-debitu permezz ta' konsenja ta' materjal u xoghlijiet ta' kostruzzjoni, u l-esponenti ghalhekk ghandu d-dritt li jezigi li d-debitu  dovut lilu jithallas fi flus kontanti;

Ghalhekk l-atturi talbu lil din il-qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur fil-konfront tal-atturi fl-ammont ta' sittax-il elf tliet mija u sitt euro (€16,306) li huwa kkostitwixxa ruhu debitur fihom permezz ta' skrittura tat-tletin (30) ta' April elfejn u disgha (2009);

2. Tiddikjara, inoltre li ddekada, mill-fakulta' moghtija lilu skont dik l-iskrittura li jhallas dan id-debitu bil-konsenja ta' materjal u xoghlijiet ta' njam u kostruzzjoni skont l-istruzzjonijiet tal-kredituri minn zmien ghal zmien, u din il-konsenja trid issir sa mhux aktar tard minn sentejn [mid-data tal-iskrittura];

3. Tiddikjara, konsegwentement li hu obbligat ihallas dan id-debitu fi flus kontanti;

4. Tikkundannah ihallas dan l-ammont lill-atturi flimkien mal-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'effett mit-tletin (30) ta' April elfejn u hdax (2011) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti hija nkompetenti, ai termini tal-artikolu 741(c) tal-Kap 12, sabiex tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza u dana stante li l-esponenti, bhala persuna residenti fil-Gzira ta' Malta, igawdi mill-*privilegium fori* ai termini tal-artikolu 767 tal-Kap 12;

2. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija insostenibbli, stante li ma saritx fil-parametri ta' dak provdut fl-artikolu 1069 tal-Kodici Civili;

3. Illifi kwalsiasi kaz u minghajr pregidizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija nsostenibbli, stante li l-obbligazzjoni kontrattata mill-esponenti permezz tal-iskrittura datata 30 ta' April 2009 kienet tikkonsisti fil-fornitura ta' materjal u xoghlijiet u ghalhekk l-esponenti ma jistax jigi mgieghel iwettaq obbligazzjoni ta' xorta differenti minn dik minnu kontrattata;

4. Illi fi kwalsiasi kaz l-esponenti ma kienx inadempjenti fl-obbligi minnu assunti ai termini tal-precitata skrittura, hekk kif ser jigi provat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghallum fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut qieghed jeccepixxi l-inkompetenza ta' din il-qorti stante li qieghed jinvoka l-*privilegium fori.*

Mill-provi jirrizulta li:

(a) Saret skrittura fit-30 ta' April 2009 minn fejn jirrizulta li l-konvenut ikkostitwixxa ruhu debitur cert u likwidu fil-konfront tal-attur fl-ammont ta' €16,306.

(b) Mit-termini ta' din l-iskrittura jirrizulta li l-konvenut intrabat li jirrestitwixxi dan id-debitu *'bil-konsenja ta' materjal u xoghlijiet ta' njam u kostruzzjoni skont l-istruzzjonijiet tal-kredituri minn zmien ghal zmien, u din il-konsenja trid issir sa mhux aktar tard minn sentejn millum'.*

(c) Hekk kif gie verbalizzat fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2013 m'hemmx kontestazzjoni li l-konvenut ghandu r-residenza tieghu f'Malta.

(d) Il-Perit Micallef m'ghandux proprjetajiet fil-Gzira ta' Malta la prezentement u lanqas meta giet iffirmata l-iskrittura hlief ghall-appartament ma' hutu li huwa ndiviz u li ma jehtiegx xoghlijiet.

Skont l-Artikolu 50 tal-Kap. 12, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) hi kompetenti li tiehu konjizzjoni ta' pretensjoni kontra *".....l-persuni li joqghodu jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja fil-Gzira ta' Ghawdex jew ta' Kemmuna, kif ukoll ta' dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom dik il-qorti."*.

Persuni li joqghodu f'Ghawdex ghandhom id-dritt, meta jkunu konvenuti f'kawzi, li jigu msejha quddiem il-qrati f'Ghawdex (Artikolu 767 tal-Kap. 12):-

*"Il-beneficcju msemmi fl-artikolu 741(c) hu moghti lill-persuni li joqghodu fil-Gzira ta' Malta rigward il-qrati ta' dik il-Gzira, u lil dawk li joqghodu fil-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta' dawk il-Gzejjer."*.

L-istess beneficcju jappartjeni lill-persuni residenti f'Malta. Privilegg li jiddipartixxi mill-principju li l-attur ghandu jaghmel il-kawza fil-post fejn jinsab l-oggett (*res*) li dwaru hemm il-kontestazzjoni[1].

Il-*privilegium fori* jispicca:-

1. Meta l-ghadd ta' konvenuti li jghixu Malta u Ghawdex hu ndaqs (Artikolu 769).

2. Meta l-obbligazzjoni, li dwarha hi l-kawza, ghandha skont il-ftehim tigi esegwita fi Gzira partikolari (Artikolu 770).

3. Meta jkun hemm rinunzja ghalih mill-persuna li ghandha jedd ghalih (Artikolu 772).

Illi applikati dawn l-artikoli ghall-kaz odjern jirrizulta u fil-fatt lanqas mhu kontestat li l-konvenut ghandu r-residenza tieghu f'Malta u ghalhekk ladarba il-***privilegium fori*** tqajjem mill-istess konvenut, id-disposizzjonijiet tal-**artikoli 741 (c) u 767 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** ghandhom normalment japplikaw[2]. Fil-fatt hija l-kwistjoni ta' residenza li fuqu huwa stabbilit l-artikolu 741 (c) tal-Kap 12[3]. Jirrizulta wkoll li din l-eccezzjoni tqajmet *in limine litis.*

---

[1] **A.F. Ellis Ltd vs Segretarju Permanenti et** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Gunju 2003.

[2] Ara kawza fl-ismijiet **Joseph Pace vs Dun Anton Sultana** P.A. RCP deciza fit- 23 ta' Frar 1999

[3] Ara kawza fl-ismijiet **Joseph Aquilina nomine vs Richard dei Conti Stagno Navarro,** Appell Civili deciza fit-22 ta' Novembru 2005

Illi pero' kif diga' gie rilevat, hemm eccezzjoni ghal din ir-regola skond l-**artikolu 770 tal-Kap 12** fejn jinghad li l-*privilegium fori* jispicca wkoll, fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li skont il-ftehim, kellha tigi esegwita fi gzira partikolari. Kwindi l-ligi hija tassattiva u ma thalli lok ghal ebda tip ta' interpretazzjoni. F'kazijiet li jaqghu fit-termini ta' l-artikolu 770 tal-Kap 12, l-intimat ma jibqalux aktar id-dritt li jinvoka l-beneficcju li jigi mharrek quddiem qorti partikolari. Dan ifisser li meta l-kawza tkun tivverti fuq obbligazzjoni li skont il-ftehim kellha tigi esegwita f'Ghawdex, il-konvenut ghalkemm residenti f'Malta ma jistax jissolleva din l-eccezzjoni u l-kawza trid tigi deciza mill-Qorti ta' Ghawdex[4].

Il-principju ewlieni li dejjem gie segwit mill-qrati taghna kien illi, fejn in-negozju guridiku fil-parti preponderanti tieghu kellu jigi esegwit fi gzira partikolari, dik il-gzira kellha kompetenza tisma' l-kawza[5].

B'referenza ghall-artikolu 770 tal-Kap 12 intqal fil-kawza fl-ismijiet **Maria Bezzina vs J Grech Ltd**[6]

*'Hu evidenti li dan il-provvediment japplika f'kaz ta' obbligazzjoni li tirrizulta minn ftehim. It-test originali bit-Taljan jipprovdi li l-beneficcju ma japplikax jekk il-kawza titratta dwar obbligazzjoni "....il cui adempimento **sia stato convenuto doversi fare** nell'una delle dette isole determinatamente." (enfazi tal-qorti).*

*Fil-kawza fl-ismijiet **Angelo Zammit vs Michele Debono** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-15 ta' Frar 1917 (Volum XXIII.iii.495) inghad:*

*"Che questa disposizione contempla evidentemente l'esecuzione di un'obbligazione contrattuale, non potendo*

---

[4] **Gorg Vella noe et vs Rev Charles Cini,** Cit Nru: 6/99AMT deciza fis-16 ta' Frar, 2001

[5] Ara **Alfred Cremona et. v. Vanda armla Bradshaw** deciza mill-Appell Civili fl-20 ta' Mejju, 1994 **Vivian Gatt noe. v. Carmelo Grima** deciza mill-Appell Kummercjali fit-12 ta' Frar 1992; u **Cornucopia Hotel Limited v. Fisher Reisen Limited,** Cit. Nru 6/1996 deciza fit-22 ta' April 1997 u kkonfermata fl-Appell .

[6] Cit Nru: 38/2009AE deciza fit-13 ta' Ottubru 2009

*le espressioni 'il cui adempimento sia stato convenuto doversi fare', riferirsi ad un'obbligazione come quella che nel caso si pretende fare derivare ex delicto, cioe' dal dolo praticato dal convenuto;*

*Che per l'applicazione della disposizione citata e' mestiere che tra il creditore ed il debitore* ***sia intervenuto un patto per cui l'obbligazione si debba eseguire in una delle isole determinatamente****; e la esistenza di un tale patto e' inconcepibile nelle obbligazioni fondate sulla colpa extra-contrattuale."*[7]*.*

Illi fl-iskrittura redatta ma jissemmix f'liema Gzira kellha tigi ezegwita l-obbligazzjoni. Jinghad biss li d-debitu jrid jigi restitwit *'bil-konsenja ta' materjal u xoghlijiet ta' njam u kostruzzjoni skont l-istruzzjonijiet tal-kredituri minn zmien ghal zmien'.* Ghalkemm il-Perit Micallef fix-xhieda tieghu[8] qal li x-xoghol kellu jsir dejjem Ghawdex. Huwa sostna li meta ghamlu l-ftehim kienu tkellmu li l-konvenut se jaghmel xoghol fuq xi djar gewwa l-Gharb, Ghawdex. Izda mbaghad peress li dawn il-proprjetajiet huma ndivizi u ma saritx id-divizjoni minflok il-konvenut tah stima fuq djar ohra fin-Nadur, Ghawdex. Infatti biex hareg l-istejjem esebiti in atti l-attur spjega li l-konvenut mar ikejjel proprju f'dawn il-proprjetajiet fin-Nadur, Ghawdex. Il-Perit Micallef ukoll ikkonferma li fiz-zmien tal-ftehim huwa ma kellux proprjeta' gewwa Malta li kien hemm htiega ta' xoghlijiet fiha. Tali xhieda ma gietx kontradetta jew kontrastata b'xi mod mill-konvenut. Oltre' dan irrizulta wkoll li l-konvenut gie Ghawdex biex ikun jista' jiehu l-kejl sabiex ihejji l-istejjem.

Jirrizulta ghalhekk li l-konvenut intrabat li jwettaq xoghol favur l-atturi fil-gzira ta' Ghawdex. Skont l-iskrittura l-attur kellu jaghti struzzjonijiet fejn kellha ssir il-konsenja tal-materjal u fejn kellu jsir ix-xoghol ta' njam u kostruzzjoni. Min-naha l-ohra allura jsegwi li l-konvenut obbliga ruhu li jaghmel il-konsenja tal-materjal u x-xoghol fil-post skont

[7] Ara wkoll sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Mejju 1917, Vol. XXIII.i.911.
[8] Seduta tad-9 ta' Novembru 2012

struzzjonijiet tal-atturi. M'hemmx dubju li l-konsenja ta' materjal u xoghol kellhom isiru fil-gzira ta' Ghawdex.

Fil-fehma tal-qorti l-artikolu 1159 tal-Kap 16 ma japplikax ghall-kaz odjern. Fil-kaz odjern, l-obbligazzjoni li dahal ghaliha l-konvenut hija li se jhallas id-debitu billi jikkonsenja materjal u jwettaq xoghlijiet a rikjesta tal-kredituri. Kif irrizulta dan kellu jsir fil-gzira ta' Ghawdex ghaliex il-fondi jinsabu f'din il-gzira. Il-qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza precitata fl-ismijiet **Maria Bezzina vs J Grech Ltd** fejn inghad hekk:

*'Wiehed mill-modi kif tispicca obbligazzjoni hu billi tigi ezegwita, cjoe' jsir il-hlas. Skond l-Artikolu 1159 tal-Kodici Civili:-*

*(1) Il-hlas ghandu jsir fil-lok miftiehem fil-kuntratt.*

*(2) Jekk fil-kuntratt ma jkun gie miftiehem ebda lok, u l-haga li ghandha tinghata hija zgura u determinata, **il-hlas ghandu jsir fil-lok fejn fiz-zmien tal-kuntratt kienet tinsab il-haga li hija l-oggett tal-hlas**.*

*(3) Omissis*

*(4) F'kull kaz iehor, il-hlas ghandu jsir fejn ikun joqghod bid-dar id-debitur.*

*L-attrici tippretendi li b'applikazzjoni tal-Artikolu 1159 tal-Kodici Civili, l-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni ghandha ssir Ghawdex ghaliex dan hu l-post fejn jinsab l-oggett li s-socjeta konvenuta obbligat ruhha li tikri skond il-kuntratt preliminari datat 27 ta' Ottubru 2008. Wiehed ghandu jiftakar li l-privilegium fori hi eccezzjoni ghall-principju generali li l-kawza ghandha ssir fejn tinsab il-haga. Hemm sentenzi li jikkonfermaw li fejn ma jirrizultax xi ftehim espress li jipprovdi fejn kellha ssir l-ezekuzzjoni, ghandha tapplika l-ligi ordinarja li fiha nnifisha tista' tigi kkunsidrata bhala ftehim tacitu bejn il-partijiet in kwantu l-partijiet irrimettew ruhhom ghal dak li tipprovdi l-ligi fin-nuqqas ta'*

*ftehim espress*[9]*. Il-qorti ghandha d-dubji dwar dan in kwantu temmen li l-Artikoli 1159(2), (3) u (4) japplikaw proprju f'dawk il-kazijiet fejn il-partijiet ma jkunux ftehemu dwar il-lok fejn ghandha ssir l-ezekuzzjoni. Il-kliem tal-Artikolu 770 hu car, fis-sens li jrid ikun hemm ftehim **("sia stato convenuto")** dwar il-lok fejn ghandha tigi ezegwita l-obbligazzjoni, sabiex ma japplikax il-privilegium fori. Il-ligi tapplika proprju ghaliex ma jkunx hemm ftehim fejn ghandu jsir il-hlas. Ftehim li jista' wkoll ikun tacitu (ara per ezempju sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Angelo Pisani nomine vs Paolo Mizzi** deciza fis-7 ta' Dicembru 1923 – Volum XXV.i.1031 u **Salvatore Cilia vs Paolo Bajada** deciza fit-30 ta' Marzu 1933 – Volum XXVIII.iii.1114). Madankollu, fl-applikazzjoni tal-Artikolu 770 tal-Kap. 12 tezisti gurisprudenza li fittxet il-post fejn il-parti preponderanti tan-negozju kellha u ghandha tigi ezegwita (ara per ezempju sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Alfred Cremona et vs Vanda Bradshaw** deciza fl-20 ta' Mejju 1994 u din il-qorti diversament preseduta fil-kawza **Cornucopia Hotel Limited vs Fisher Risen Limited** deciza fit-22 ta' April 1997), li fil-kaz taghna hu f'Ghawdex meta tqies li l-immobbli jinsab f'Ghawdex u li kif issir il-lokazzjoni kien ser ifisser li fil-parti l-kbira tieghu n-negozju kien ser jigi ezegwit f'Ghawdex'.*

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tordna l-prosegwiment tal-kawza bis-smiegh tal-provi fil-mertu.

Spejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[9] F'dan il-kuntest ara sentenza fl-ismijiet **John Borg vs Salvatore Bonnici** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru 1954 (Vol. XXXVIII.i.26). Ara wkoll digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef R Pace) fl-ismijiet **Natalia Butriyana vs John Joseph Cefai** tat-12 ta' Dicembru 2007, fejn il-qorti applikat dak li tghid il-ligi dwar fejn kellu jsir il-hlas ghal finijiet tal-Artikolu 770 tal-Kap. 12